MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 721/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU plc ta' Perth Scotland**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony**
**Debono skond il-ligi u l-polza**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April, 2003, fejn intalab li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm743.28) rappresentanti danni sofferti minn Anthony Debono f'incident li sehh fl-20 ta' Awissu 2002 meta sehh

*surge* ta'l-elettriku li b'rizultat tieghu gew ikkawzati diversi hsarat fuq apparat elettroniku fid-dar tar-residenza "North Gate", Tal-Hawlija, Bahrija u li in parte kienu gew imhallsin mill-Korporazzjoni konvenuta u l-bilanc, mertu ta' dawn il-proceduri gew ikkumpensati mis-socjeta attrici li maghhom l-istess Mark Anthony Debono kien assigurat.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz kontra l-Korporazzjoni konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta epprezentata fit-22 ta' Mejju 2003, fejn hija eccepiet:
1. Illi l-Korporazzjoni konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.
2. Illi bla pregudizzju ghal premess l-Korporazzjoni konvenuta ma ikkawzat l-ebda danni lil-imsemmi Anthony Debono.
3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghal premess skond l-artikolu 14(2)(c) tal-Kapitolu 272, l-Korporazzjoni konvenuta ma hiex u ma tistax tinzamm responsabbli f'tali cirkostanzi.

Sema' x-xhieda ta' iben l-attur Mark Anthony Debono, Herbert Grech, Patrick Joseph Vella u John Galdes in rappresentanza tas-socjeta attrici.

Ra li l-Korporazzjoni konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduti u lanqas ressqet provi in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnha sollevati.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi din il-kawza titratta talba ghal hlas ta' danni ikkagonati f'diversi oggetti ta'l-elettronika proprjeta ta'l-attur Anthony Debono u dana b'konsegwenza ta'*power surge* li sehh fl-20 ta' Awissu 2002, fl-inhawi fejn jirrisjedi l-istess Debono u fejn kienu jinstabu dawn l-oggetti. Illi irrizulta inoltre mid-dokumenti esebiti illi l-Korporazzjoni konvenuta fil-fatt

hallset ghal parti mill-hsara ikkagunata u cioe' dik il-parti tal-hsara li kellu ihallas l-attur Debono minn butu, peress illi l-istess ma kenux koperti bil-polza ta'l-assikurazzjoni. (ara Dokument E a fol.21 tal-process).

Illi mid-Dokument F esebit a fol. 22 tal-process, jirrizulta minghajr l-icken dubbju, illi kienet l-Korporazzjoni konvenuta li kienet tahti ghal hsara subita fl-oggetti elettronici ta'l-attur peress illi kif jixhed dana id-dokument rilaxxat mill-Korporazzjoni stess jirrizulta illi fl-20 ta' Awissu 2002, kien hemm *power surge* fid-distribuzzjoni ta'l-elettriku fl-inhawi fejn jirrisjedi l-attur. Illi jirrizulta ukoll mid-Dokumenti esebiti a fol.29 sa 35 tal-process illi l-hsara f'dawn l-oggetti hija dovuta ghal din l-istess *power surge*. Inoltre ix-xhieda ta' iben l-attur, Mark Anthony Debono, tikkonferma ukoll dana peress illi dak in-nhar ta'l-incident huwa ra b'ghajnejh stess il-hsara li kienet qed tigi ikkagunata, barra li kien ukoll ra l-kaxxa tad-dawl li kienet barra ma'l-arblu ta'l-elettriku tisparkja. Huwa cempel dak il-hin stess lill-Korporazzjoni fejn ikkonfermawlu illi l-hsara kienet gejja min-naha taghhom.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**.

Illi l-Korporazzjoni konvenuta teccepixxi illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn s-socjeta attrici. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur kien assigurat mas-socjeta attrici u cioe' kellu polza ta'l-assikurazzjoni li kienet tkopri l-oggetti li ghalihom qieghed jintalab il-hlas. Jirrizulta ukoll illi s-socjeta attrici effetwat il-pagament li kien ikopri l-hsara kagonata f'dawn l-oggetti u dana abbazi ta'l-istess polza. B'konsegwenza ta' dan il-hlas l-istess socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha ta'l-assigurat taghha u dana kif johrog car mid-Dokument A esebiet a fol.16 tal-process. Illi d-dottrina tas-surroga, f'kaz li l-event dannuz isehh u isir il-hlas mill-assikurazzjoni abbazi tal-polza, tipprotegi li l-assikurat jiehu hlas doppju tad-danni tieghu ghall-istess fatt, wiehed minn ghand l-asikurazzjoni u l-iehor minn ghand l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kuncett ta'l-indenizz illi tifforma bazi integrali tal-kuntratt ta'l-assikurazzjoni. Din id-dottrina giet

zviluppata fil-ligi Ingliza taht il-Law of Equity. Il-ligi taghna tikkontempla il-hlas bis-surroga fl-artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili.

Illi ghalhekk hekk kif isir il-hlas mis-socjeta ta'l-assikurazzjoni lill-assikurat abbazi tal-kuntratt ta'l-assikurazzjoni, l-assikurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu abbazi tas-surroga u d-drittijiet kollha ta'l-assikurat, inkluz id-dritt tieghu ta'l-azzjoni, ighaddu a favur ta'l-assikurazzjoni

Illi ghalhekk, abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta qed tigi michuda.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Illi l-Korporazzjoni konvenuta tecepixxi ukoll illi l-Korporazzjoni konvenuta ma ikkagunat l-ebda danni lill-imsemmi Anthony Debono. Illi l-Korporazzjoni konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex issostni din l-eccezzjoni u fil-fatt hadd mill-Korporazzjoni ma deher sabiex jaghti x-xhieda tieghu f'dan ir-rigward. Inoltre mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-hsara ikkagunata lill-attur Debono fl-oggetti elettronici kien ikkawzat proprju minhabba hsara li kellha l-Korporazzjoni fid-distribuzzjoni ta'l-elettriku. Dana jidher ammess  car u tond mill-ittra datata 18 ta' Ottubru 2002 mibghuta mill-Korporazzjoni lill-iben l-attur. F'din l-ittra jidher illi hemm accettazzjoni shiha ta' responsabbilta tant illi l-istess Korporazzjoni tallbet lill-attur sabiex jissottometti it-talba tieghu bid-dokumenti kollha in sostenn ta'l-istess. Di piu', l-istess Korporazzjoni konvenuta effetwat pagament ta' Lm411.54  u dana skond kif jirriuzlta mid-Dokument E a fol. 21 tal-process, ghalkemm fl-istess dokument, l-Korporazzjoni tindika illi l-pagament qieghed isir *ex gratia* u mhux bhala ammissjoni ta' responsabbilta' ghal hsara ikkagonata.

Finalment mid-Dokumenti esebiti a fol.24 sa 35 tal-process jidher illi l-hsara kagonata f'dan l-*equipment* ta'l-elettriku kien proprju dovut ghal din il-*power surge*.

Kwindi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda u dana anke in vista tal-fatt illi l-Korporazzjoni konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta'l-istess.

**<u>It-Tielet eccezzjoni</u>**

Illi finalment l-Korporazzjoni konvenuta tecepixxi illi skond l-artikolu 14(2)(c tal-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Korporazzjoni konvenuta ma hiex u ma tistax tinzamm responsabbli f'tali cirkostanzi. Illi dan l-artikolu tal-ligi jiddisponi; "Enemalta ma tkun responsabbli ghal ebda hsara lil persuna jew proprjeta' jew ghal xi twaqqif fil-provvista ta'l-energija li jkunu graw minhabba incident li ma setax jigi evitat, tqabir u kedd bl-uzu xieraq jew tghabija zejda minhabba l-konnessjoni ta' apparat mhux awtorizzat jew minhabba l-htigijiet ragonevoli tas-sistema elettrika, jew minhabba xi difett f'xi stallazzjoni elettrika mhux provduta mill-Korporazzjoni." Illi anke f'dan ir-rigward il-Korporazzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex turi illi l-hsara li giet ikkagonata kienet dovuta ghal xi wahda mic-cirkostanzi elenkati f'din id-disposizzjoni tal-ligi. Jirrizulta anzi mill-provi prodotti mis-socjeta attrici illi l-kaz in dizamina ma jinkwadra ruhu taht l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi. Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-Korporazzjoni konvenuta, ighaddi sabiex jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm743.28), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' April 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------